**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 389/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 4**

**Daniel Buhagiar (K.I. 157771M)**

**46, Redentur, Triq il-Lewziet, Kirkop**

**bhala amministratur tal-condominium**

**'Star Estate'**

**Triq A.M. Caruana,**

**Naxxar,**

**Bahar ic-Caghaq**

**Vs**

**Charmain Sammut**

**Albany Court Flat 4,**

**'Star Estate'**

**Triq A.M. Caruana,**

**Naxxar,**

**Bahar ic-Caghaq**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fil-25 ta' Awwissu, 2018 li permezz taghha huwa talba minghand il-konvenuta s-somma ta' elf tmien mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,820.83c) dovuti a bazi ta' decizjonijiet mehuda waqt il-laqghat tas-sidien tal-condominium 'Albany Star Estate' Triq A. M. Caruana, Naxxar Bahar ic-Caghaq.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghal dawn ir-ragunijiet: li l-fatt li l-pagament ta' elf, tmien mija u ghoxrin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,820.83c) ghadu dovut u ma giex rilaxxat tort unikament tar-rikorrenti kfi ser jigi ampjament ippruvat stante li r-rikorrenti ghad fadallu numru ta' manutenzjoni x'jaghmel fl-istess fond mertu tal-kawza; li l-pretensjoni tar-rikorrenti flimkien mal-interessi sad-data tal-effettiv pagament hija infondata.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu l-avukat tal-attur informa lil dan it-Tribunal li s-sorte thallas u jixtieq sentenza dwar l-ispejjez.

Ra li l-konvenuta imsejha tlett darbiet ma dehritx ghal dik is-seduta u lanqas l-avukat taghha.

It-Tribunal ghalhekk qed jaqta' u jiddeciedi billi in vista li s-sorte f'din il-kawza llum thallas, li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**Av Anna Mallia**

**Gudikant**